MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2005

Appell Civili Numru. 557/2005/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 970/05 GCD**
**fl-ismijiet**

**Yellow Pages (Malta) Limited (C11814)**

**v.**

**Malta Directories Limited (C25186)**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Lulju 2005, permezz ta' liema digriet dik il-Qorti laqghet in parte talba maghmula mis-socjeta` Malta Directories Ltd. L-isfond tal-kwistjoni hu, in succint, li s-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju[1] fil-konfront ta' Malta Directories Ltd fis-somma ta' mija w hamsin elf seba' mija w erbgha w tletin lira (Lm150,734.00) in kawtela tal-pretensjonijiet taghha. Is-socjeta` Malta Directories Ltd ipprevaliet ruhha mill-procedura stabbilita fl-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 u, ghal diversi ragunijiet imsemmija fir-rikors taghha tal-10 ta' Gunju 2005, talbet ir-revoka ta' l-imsemmi mandat ta' sekwestru u li s-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd tigi kkundannata thallas penali u danni skond il-paragrafi (8) u (9) ta' l-imsemmi Artikolu 836, jew, fin-nuqqas ta' tali revoka, l-imposizzjoni ta' garanzija skond l-Artikolu 838A tal-istess Kap. 12.

2. Bid-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2005 aktar 'l fuq imsemmi, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ipprovdiet hekk:

**"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn dan ir-rikors billi tilqa' in parte l-ewwel talba tar-rikorrenti fis-sens li l-ammont huwa eccessiv u ghandu jigi ridott ghal mitt elf lira maltija [Lm100,000] u tichad it-talbiet l-ohra kollha. Spejjez ta' din il-procedura kontra l-Malta Directories Limited."**

3. B'rikors (intestat "Rikors tal-Appell ta' Malta Directories Limited") presentat quddiem din il-Qorti fid-19 ta' Lulju 2005, is-socjeta` Malta Directories Ltd talbet, ghar-ragunijiet migjuba fl-istess rikors, "illi d-digriet tat-13 ta' Lulju 2005 jigi rrevokat taht il-kundizzjonijiet illi tidhrilha xierqa dina l-Onorabbli Qorti."

4. B'risposta presentata fis-26 ta' Lulju 2005 il-kontro-parti, cioe` s-socjeta` Yellow Pages (Malta) Ltd, fissret ghaliex it-talba tas-socjeta` appellanti kellha tigi michuda. F'din ir-risposta s-socjeta` appellata bdiet biex eccepiet in-

[1] Mandat nru. 970/05

nullita` tar-rikors ta' appell – u l-provvediment tal-lum hu limitat ghal din il-pregudizzjali.

5. Skond is-socjeta` appellata, galadarba l-ewwel Qorti laqghet, ankorke` in parte, it-talba tas-socjeta` rikorrenti (billi rriduciet l-ammont in kwistjoni) hija kienet prekluza milli tappella in vista ta' dak li jiddisponi s-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 836 u cioe` li "Ma ghandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli…". Fil-kors tat-trattazzjoni fl-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2005, l-abbili difensur tas-socjeta` intimata fisser ukoll li anke jekk wiehed kellu jhares lejn dik il-parti tad-digriet appellat fejn l-ewwel Qorti cahdet il-bqija tat-talbiet tas-socjeta` Malta Directories Limited, xorta wahda r-rikors ta' appell kien irritu u null, u dan peress li minn digriet li jichad rikors maghmul skond is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 836 l-"appell u kontestazzjoni" jsir mhux direttament lill-Qorti ta' l-Appell izda permezz ta' citazzjoni quddiem l-istess Qorti li tkun tat id-digriet ta' cahda, b'eventwali dritt ta' appell minn dik is-sentenza lil din il-Qorti (cioe` lill-Qorti ta' l-Appell).

6. Is-socjeta` appellata ghandha ragun. In kwantu l-ewwel Qorti laqghet parti mit-talba jew talbiet tas-socjeta` Malta Directories Limited, id-divjet tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 836 huwa car. Jinghad f'dan il-kuntest li din il-Qorti difficilment tista' tifhem kif u ghala s-socjeta` appellanti talbet ir-revoka, flok ir-riforma, tad-digriet tat-13 ta' Lulju 2005. Kwantu jirrigwarda c-cahda tat-talbiet ta' l-imsemmija socjeta` Malta Directories Limited, minn tali cahda ma hemmx dritt ta' appell direttament ghal quddiem din il-Qorti – u dan kif gie spjegat minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenzi taghha fl-ismijiet ***Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 3507/00 fl-ismijiet Paul Tanti pro et noe et v. Sammy u Joseph ahwa Mifsud pro et noe*** tad-19 ta' Novembru 2001 u ***Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1554/04 fl-ismijiet Alexander u Josephine konjugi Grech et v. Mamma Mia Restaurant***[2] tal-15 ta' Frar 2005. Ghalhekk thares kif

[2] Recte: ***Mamma Mia Company Limited et***

thares lejn ir-rikors ta’ appell odjern, dan ma setax isir kif effettivament sar.

7. Ghall-motivi premessi, tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata Yellow Pages (Malta) Limited fir-risposta taghha tas-26 ta’ Lulju 2005, tiddikjara l-appell interpost irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta’ dana l-appell jithallsu kollha mis-socjeta` appellanti Malta Directories Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------